## IL-WIEĦED U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA
## "BIN IL-BNIEDEM ĠIE JFITTEX U JSALVA L-MITLUF"

***Daħla:*** Ejjew f'dan Jum il-Mulej infaħħru u nirringrazzjaw lil Alla Missierna li hu Alla ta' ħniena bla tarf. Lill-ebda wieħed minna ma jimbotta jew ikeċċi 'l barra anki bl-agħar dnubiet. Illum nisimgħu u nifirħu bl-istorja ta' Żakkew il-ħalliel u l-inġust. Dan għax ħass l-imħabba bla kundanna ta' Ġesù nbidel u minn bniedem li kien rgħib sar bniedem ġeneruż, umli u li jipprovdi lill-fqar. Nibdew din iċ-ċelebrazzjoni ta' ringrazzjament billi nkantaw….

***L-Ewwel Qari:*** Għax iħobbna, Alla ta' spiss ifakkarna li l-ewwel pass għall-maħfra hi li nagħrfu ħtijietna u nindmu minnhom

***Responsorju tas-Salm:*** **Mulej, inbierek ismek għal dejjem ta' dejjem.**

***It-Tieni Qari:*** Qed noqorbu għall-Festa ta' Kristu Sultan. San Pawl jgħidilna x'għandna nagħmlu biex inħejju ruħna għat-Tieni Miġja tal-Mulej.

***Offertorju:****(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Mal-offerti, ejjew noffru l-egoiżmu tagħna, ir-regħba tagħna u nħallu l-Ispirtu ta' Ġesù jibdilna f'nies nixbhu lil Ġesù. Waqt din l-offerta, inkantaw…….

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
"Twajjeb u ħanin il-Mulej" qalilna s-Salmista. Fit-Tqarbina tagħna naraw u nduqu dil-ħniena u tjubija ta' Ġesù li ma jikkundannaniex imma jħallas b'Demmu għas-salvazzjoni tagħna. Inkantaw…...

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
"Kull m'għamilt iroddlok ħajr Mulej" għidna fis-Salm. Ejjew nirringrazzjaw lill-Mulej tal-ġid kbir li jagħmel magħna u talli jistedinna biex nindmu. Ngħidu jew inkantaw ...

***Kant tal-Għeluq…***